MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 51/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Kadria Nahed (ID18681A)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm174.46), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 2141 2890 skond kif jirrizulta mid-Dok.A u B annessi mal-avviz;**
**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta’ Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u erbgha u sebghin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm174.46), bl-imghax legali mil-5 ta’ Mejju, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------